14 ta' Frar, 1955

Imhallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*, Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.; Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Lorenzo Camilleri *versus* Carmelo Spiteri

**Kompetenza — Promessa ta' Bejgħ — Mastrudaxxa Kummerċjant — Att ta' Kummerċ — Appalt.**

*Mastrudaxxa ma hux essenzjalment kummerċjant, anki jekk huwa jixtri l-materjali li bihom jaħdem; għax l-iskop prinċipali tiegħu huwa l-attivazzjoni tas-sengħa tiegħu. Jekk, però, huwa jsir abitwalment imprenditur, u n-numru ta' ħaddiema li jqabbad u l-kummissjonijiet li jirċievi huma tali li jippermettulu jispekula fuq ix-xogħol ta' l-impjegati u fuq il-materjali, huwa jsir kummerċjant għall-finijiet kollha tal-liġi.*

*Għaldaqstant, jekk huwa jobliga ruħu li jixtri fond biex fih huwa jeżerċita l-kummerċ u s-sengħa tiegħu, dan l-att tiegħu jikkostitwixxi operazzjoni sussidjarja inerenti għall-kummerċ tiegħu; u jekk huwa jiġi azzjonat biex jiġi kundannat jeżegwixxi l-att tal-konvenju, il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta'l-azzjoni hekk proposta kontra tiegħu hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi b'att ta' konvenju ta' l-14 ta' Frar, 1954, il-konvenut obliga ruħu li jixtri mingħand l-attur il-fond numru 39, St. John Street, Żejtun, bil-prezz li jiġi stabbilit mill-perit arkitett li jiftiehmu fuqu l-attur u l-konvenut, bil-patt li joqgħodu għall-prezz li jistabbilixxi hu, u bil-pattijiet u kondizzjonijiet oħra stabbiliti fl-istess konvenju, fosthom li l-kuntratt tal-bejgħ għandu jsir fi żmien tliet xhur li tkun lesta l-istima tal-perit arkitett; u billi l-kontendenti qablu li l-istima għandha ssir mill-perit arkitett Emmanuele Agius, li eżegwixxa l-inkarigu tiegħu fit-18 ta' Frar, 1954, u stabbilixxa l-prezz ta' £495 (dok. A); u billi l-konvenut naqas li jersaq għall-kuntratt tal-bejgħ, għalkemm

ġie interpellat; talab li l-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat li jersaq għall-publikazzjoni ta' l-att talbejgħ definitiv bil-prezz ta' £495, u l-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-konvenju; u jiġi nominat nutar sabiex jippublika l-att opportun tal-bejgħ fil-post, ġurnata u ħin li jiġu stabbiliti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 1954;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 1954, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda mhux kontestata tal-konvenut irriżulta li huwa mastrudaxxa, u minn tmien snin 'l hawn jieħu appalti ta' xogħlijiet ta' tibjid u tiswija ta' bini danneġġjat bil-gwerra; illi l-materjal li għandu bżonn jixtrieħ hu bi flusu; illi hu jħaddem miegħu minn tlieta sa sitta minn nies; u illi kien sejjer jakkwista l-fond in kwistjoni biex jużah bħala ħanut ta' mastrudaxxa;

Illi huwa veru li mastrudaxxa mhux essenzjalment kummerċjant, anki jekk jixtri l-materjali li bihom jaħdem, għaliex l-iskop tiegħu prinċipali huwa l-attivazzjoni tas-sengħa tiegħu; jekk, però, huwa jsir abitwalment imprenditur, u n-numru ta' ħaddiema li jqabbad u l-kummissjonijiet li jirċievi huma tali li jippermettulu li jispekula fuq ix-xogħol ta' l-impjegati u fuq il-materjali mixtrija, huwa jsir kummerċjant għall-finijiet kollha tal-liġi (v. Kollez. XVIII-III-153, u XIX-III-125); u fil-każ tagħna, il-konvenut għandu l-karattri meħtieġa ta' imprenditur;

Illi huwa veru wkoll, kif osserva d-difensur ta' l-attur fiddibattitu orali, li anki kummerċjant jista' jagħmel atti ta' natura ċivili estranej għan-negozju; iżda f'dan il-każ ġie pruvat li l-konvenut kien sejjer jixtri l-fond biex fih jeżerċita l-kummerċ u s-sengħa tiegħu, u b'dan huwa għarraf lill-attur, b'mod li dana l-att tiegħu jikkostitwixxi operazzjoni sussidjarja inerenti għall-kummerċ tal-konvenut għall-finijiet ta' l-art. 5 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Rat ir-rikors ta' l-attur quddiem din il-Qorti, fejn talab li jiġi definitivament stabbilit liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjzzjoni ta' din il-kawża;

Eżaminat l-atti u semgħet id-difensur ta' l-attur;

Ikkunsidrat;

Illi, għar-raġunijiet miġjuba fid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Għaldaqshekk;

Tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-attur.

---